San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 18 tas-7 Leġislatura**
**saret nhar**
**il-Gimgħa 19 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta**

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Sindku** |
| **Alexander Bezzina** | **Viċi Sindku** |
| **Graziella Galea** | **Kunsilliera** |
| **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| **Mandy Buhagiar** | **Kunsilliera** |
| **Peter Abela** | **Kunsillier** |
| **Jason Camilleri** | **Kunsillier** |
| **Anne Marie Fenech** | **Kunsilliera** |
| **Robert Piscopo** | **Kunsillier** |
| **Carmel Hili** | **Kunsillier** |
| **Jane Chircop** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur F. Chircop** | **Segr. Eżekuttiv** |
| **Skużat/a:-** | **John Bray u Daniel Grima** |

**Assenti:- Xejn**

## IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

1 ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

Approvazzjoni tal-minuti

Il-Minuti tal-laqgħa tas-seduta 17 tas-seba' Kunsill, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew ċirkulati minn qabel. Wara li l-minuti ġew approvati unanimament, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Abdilla.

***Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)***

Introduzzjoni tal-laqgħa.

2 Il-Laqgħa bdiet fis-17.45 billi s-Sindku Mario Salerno stieden lis-Segretarju Ezekuttiv George Adbilla biex jibda jintroduci l-laqgha. George Abdilla spjega li hemm il-minuti ta' tlitt laqgħat għall- approvazzjoni. L-aħħar laqgħa kienet ta' kontinwazzjoni peress li l-laqgħa preċedenti ma kienitx eżawrita l-aġenda. Għaldaqstant huwa talab jekk jittieħdux bħala moqrija. Dawn ittieħdu bħala moqrija u talab jekk hemmx xi korrezzjonijiet.

Il-kunsilliera Graziella Galea nnotat li kien hemm diversi punti fil-minuti tat-13 ta' Settembru 2012 li kellhom jigu rrangati u għaldaqstant George Abdilla għamel il-korrezzjonijiet bil-kitba fuq l-istess minuti. Is-Sur Carmel Hili ġibed l-attenzjoni għall diversi postijiet fil-minuti li kellhom jiġu rranġati u ta' dawn George Abdilla bidel skond il-ħtiega. Wara li saru dawn it-tibdiliet fil-minuti, s-Sindku Mario Salerno talab biex jiġu aċċettati bil-korrezzjonijiet kif saru minn George Abdilla. Dawn ġew aċċettati kif inhuma unanimament.

***Minuti tas-Seduta 25 ta' Settemebru 2012.***

Wara li ġie mistoqsi jekk hemmx xi korrezzjonijiet fil-minuti tal-25 ta' Settembru, kien hemm diversi punti li gew innotati b'referenza ghall emend ital-minuti tal-laqgha precedent.

Hawnhekk is-Sur Carmel Hili staqsa jekk George Abdilla kienx ser jattendi l-laqgħa ġewwa Burssels minhabba li ser jinbidel bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Pawl. Dan ġie konfermat, u għaldaqstant George Abdilla għandu jmur huwa peress li kienu diġa saru l-arranġamenti neċessarji. Wara li ntalab jekk hemmx aktar korrezzjonijiet, dawn tressqu għall-approvazzjoni u ġew aċċettati bil-korrezzjonijiet. Għaldaqstant wara li l-istess minuti ġew korretti u inizjalati dawn ġew aċċettati unanimament minn dawk preżenti.

Il-minuti tal-laqgħa b' urġenza ġew mressqa għall-approvazzjoni u minħabba li ma' kien hemm l-ebda korezzjonijiet dawn ġew aċċettati nem con.

<u>*Punti mqajma mill-minuti.*</u>

Punti li johorg u mill-minuti

Il-kunsilliera Jane Chircop staqsiet fuq l-*animal welfare* – x' tinvolvi-. Is-sindku qal li ser ikun hemm sistema li fil-qafas tal-liġi (animal walfare act), fejn ikunu mħarsa id-drittijiet tal-animlai, il-kunsill ħaseb li jilħaq għarfien fuq din l-*issue* billi waqqaf grupp ta' persuni li jħobbu l-animali. Dan il-grupp huwa imdaħħal bħala sotto-kumitat fil-kunsill. Is-sindku ippropona lis-Sur Peter Abela l-Kunsillier bies imexxi dan id-dekateru kien hemm bidu ta' din il-ħidma meta kemm is-sindku kif ukoll is-Sur Peter Abela mal-Kunssilier Raymond Tabone iltaqgħu mas-Sur Ellul tal-aquarium li qed jinbena' fl-inħawi ta' Fra Ben. Is-Sindku qal li aktar tard fdin is-sena se jkun hemm mixja bil-klieb, sabiex ikun hemm aktar għafrien edukattiv fiż-żamma tal-klieb. Kunsilliera Anne Marie Fenech talbet jekk jistax ikun hemm sistema biex jieqfu jitimgħu l-annimali minħabba l-ħmieġ u l-laned li jitħallu mxerrdin. Is-sindku kompla jgħid li għandu jkun hemm xi ħadd jieħu ħsieb indaddaf l-afferijiet li jħallu warajhom. Kompla jispjega li għandu jkun hemm kunsillier li jara li dawn il-*feeders* jaraw u josservaw il-liġijiet ukoll biex ma jħallux ħmieġ ta' laned u bottijiet kull fejn ikun. Hawnhek il-kunsilliera Anne Fenech qalet li kull ma hemm huma biss żewġ nisa , waħda minnhom Ingliża li joħorġu l-ikel għall-qtates.

<u>*Ġbir tal-iskart.*</u>

Gbir ta' skart

Is-sindku Mario Salerno spjega li l-ġbir tal-iskart fl-inħawi ta-Buġibba u l-Qawra issa qiegħed jinġabar matul il-ġurnata u min nhar it-Tnejn ser jibda wkoll jinġabar l-ħġieġ. Is-sistema tal-ġbir tal-kartun qed tagħti l-frott għax dejjem qieghed jiżdied l-ammont li qed jinġabar. Il-kartunn qed jinġabar kull-*working day* u darbtejn kuljum, is-settur kumerċjail jirispondi sewwa waqt li mid-djar qed issir il-ġbir tal-iskart riċiklabbli kull nhar ta-tlieta u nhar ta' ġimgħa.

Is-Sindku Mario Salerno staqsa jekk kulħadd irċieva l-iskeda.

Skeda tal-pagamenti

<u>*Skeda tal-pagamenti.*</u>

Is-sindku Mario Salerno talab jekk hemmx kummenti.

Is-sindku ġibed l-attenzjoni tas-sur George Abdilla li mhux suppost jiżdiedu aktar kontijiet fl-iskeda jekk din l-istess skeda tkun diġa ntbgħatet lill-kunsilliera. Huwa kompla biex talab lill-Kunsilliera jekk hemmx xi kummenti li xtaqu jressqu.

Il-kunsillier Carmel Hili qal li hemm *item* fl-iskeda tal-pagamenti tal-Kunsill ta' San Pawl li aħjar tidħol taħt l-iskeda tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Huwa kompla jgħid li wkoll meta jsiru xogħolijiet infrastrutturali bħal bankina għandu jitniżżel l-ammont rispettiv skond fejn sar ix-xogħol ħalli hekk l-iskeda tal-Kumitat Amministrttiv tkun separata minn dik tal-Kunsill ta' San Pawl. Is-sindku Mario Salerno kompla jgħid li l-pagamenti kollha għandhom jinżammu saparati, wkoll dawk l-ammonti li jitħallsu lill kuntratturi u ażjendi li joffru servizzi f' dawn il-komunitajiet.

Wara li kien hemm qbil minn kulħadd biex l-iskedi jinżammu separati, kemm l-iskeda tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad kif ukoll dik tal-Kunsill ta' San Pawl, ġew approvati unanimament wara diversi mistoqsijiet ta' kjarifika liema mistoqsijniet qeghdin annessi fl-aħħar ta' dawn il-minuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv George Abdilla ġie mistoqsi għaliex l-ammont tal-pagi tal-iskrivani jvarja minn wieħed għall-ieħor meta dawn huma fl-istess skala tal-paga. Is-Segretarju George Abdilla qal li bħalissa qiegħed isir ħafna *overtime* mill-ħaddiema. Il-kunsillier Dr Robert Piscopo qal li għandu jkun hemm *job description* tal-ħaddiema kollha u staqsa wkoll għaliex dan l-*overtime*. Is-Sindku Mario Salerno qal li peress li għandna tlieta mill-*full compliment* tal-ħaddiema fill-Kunsill neqsin , u bħalissa l-mistoqsijiet parlamentari qed jiġu tlieta kull jumejn, il-ħaddiema preżenti qed jgħamlu dak kollu li jistgħu biex ilaħħqu max-xogħol. Il-kunsilliera Graziella Galea, kif ukoll Peter Abela- staqsew jekk ħargitx *tender* fuq item no 3779. Il-kunsillier Peter Abela staqsa għaliex f-*item* minnhom fl-iskeda ma' kienx hemm deskrizzjoni tax-xogħol li kien sar. Is-segretarju George Abdilla qal li bi svista inqabżet u għaldaqstant huwa żied bil- kitba li l-pagament kellu jinqara bħala - *Payment on account of PPP*.

Is-Sindku Mario Salerno qal li rigward pagament numru 3799 (huwa ħlas tal-ġbir tal-iskart), huwa kien kellem lill kuntrattur għax kien hemm xi xogħol li ma nġabarx. Il-kuntrattur kien qal li ma' kellux ħaddiema biex jinġabar u għaldaqstant is-Sindku kien qabbad lill kuntrattur ieħor, b-emerġenza biex jiġbor ix-xogħol minfloku, għalekk bl-ammisjoni tal-kuntrattur kellu jitqabbad kuntrattur ieħor f'dan il-każ ta-emerġenza f'jum sajfi.

Il-Kunsilliera Jane Chircop staqsiet għaliex kien sar il-ħlas ta' €800 lill Horace Enterprises. Is-Seg. Ezekuttiv George Abdilla spjega li hemm diversi pagamenti f' waħda. Dawn kienu medalji li nxtraw lill tas-Sirens Water Polo Club u dawk li ntuzaw mill-Access fi tlitt okkazjonijiet. Il-kunsilliera Jane Chircop staqsiet għaliex inxtrat pompa tal-ilma *submersible* u fejn ser tintuża. George Abdilla qal li din kienet inxtrat biex tinbidel dik li hemm fil-ġnien ta' fen il-Gillieru. Il-Kunsilliera Anne Marie Fenech ġibdet l-attenzjoni li l-*banner* li kellu jintuza fil-Fish Fest ma kienx sar u għaldaqstant tħallas għalxejn għax l-attivita kienet tħassret. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar spjegat li sfortunatament, minħabba l-maltemp kellhom jikkancellaw l-attivita, anke fuq parir tal-MET Office u għaldaqstant kien laħaq gie ordnat il-banner tal-okkazjoni u jrid jitħallas xorta waħda.

Il-Kunsillier Peter Abela talab spjegazzjoni għaliex saru pagamenti fuq *website development*. Is-Sindku Mario Salerno qal li l-Kunsill bħalissa m' għandux *website* ufficjali għax il-Kunsill m'għandux aċċess biex jaċċessa u jbiddel l-informazzjoni fuq il-*website* li kien hemm. Hawnhekk is-Sindku Mario Salerno staqsa lill Kunsilliera Graziella Galea, li qabel kienet tokkupa l-kariga ta' Sindku, sabiex iġġib il- *password* tas-sit elettroniku ta' San Pawl. Is-Sindku kompla jgħid li x-xogħol fuq is-sit elettroniku tħallas *b'direct order* għax ma' kienx jaqbez l-ammont ta' 500 maltin. Graziella Galea qalet li Delcine kienet taggorna l-website.

Is-Sindku Mario Salerno qal li bħala regola, l-iskeda tintbgħat ħamest ijiem qabel biex il-kunsilliera jkollhom ċans jiflu d-dokumenti kollha. Huwa talab lill kulħadd biex min ikollu mistoqsijiet jew kjarifka ta' xi punti fl-iskeda tal-pagamenti, għandu jibgħat *email* jew sempliċiment iċempel l-uffiċċju għall aktar dettalji u jingħata spjegazzjoni għaliex hekk minn diġa għadda ħafna ħin u l-Kunsill għadu lanqas biss beda jiddiskuti item waħda fuq l-aġenda.

Andament tal-laqgħa

Graziella Galea qalet li qatt ma kien hemm qbil fuq hekk u s-Sindku spjega li fuq din m'hemmx bżonn ikun hemm qbil għax il-prassi hija li jintbgħatu l-minuti kif ukoll l-iskeda qabel hija biex il-kunsilliera jkollhom ċans jaraw u jiċċaraw il-punti mal-uffiċċju qabel jiġu għal-laqgħa. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil b'mod unanimu li mistoqsijiet fuq spjegazzjoni ta' *items*, kemm fil-minuti, kif ukoll fl-iskeda tal-ħlasijiet isiru qabel mas-Segretarju Eżekuttiv ħalli ma jinħeliex ħin fil-laqgħa.Il-Kunsillier Peter Abela kompla jgħid li huwa tajjeb li ma' jinħeliex ħin fil-laqgħa u għaldaqstant għanda ssir deskrizzjoni tajba tal-pagament li jkun sar fl-iskeda. Huwa qal li għalkemm qed isir qbil minn kulħadd b'mod unanimu fuq dan, xorta waħda jekk tintalab spjegazzjoni fuq xi *item*, din trid tiġi diskussa. Kien hemm qbil unanimu li f'laqgħat oħra l-kunsilliera jikkomunikaw mal-uffiċċju jekk hemm bżonn ta' aktar informazzjoni ħalli b'hekk ma' jinħeliex ħin fil-laqgħa.

Korrispondenza

*Korrispondenza.*Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Saviour Farrugia f' isem il-Boċċi Club ta' San Pawl, minħabba x-xogħolijiet li qed isiru fil klabb tal-boċċi. Is-Sindku spjega li din il-ser timxi fuq dik ta' qabilha li biex jitkompla u jingħalaq ix-xogħol tal-planki hemm bżonn li jsir il-*grouting*, *sealer* u *membrane* fuq il-planki biex ma' tidħolx xita. Għaldaqstant huwa talab biex dawn ix-xogħolijet issa jsiru mill-istess kuntrattur ħalli ma' jgħaddix iż-żmien u bix-xita ssir ħsara isfel, fil-klabb tal-boċċi. Fuq dan kien hemm qbil unanimu. George Abdilla kien qal ukoll li kellu ittra li tghid li kien hemm resident li kellu raxx taz-zebgha fuq il-karozza tieghu u ghaldaqstant kella tintbghat ittra lill Avukat sabiex ninghataw parir legali fuq dan.

Trqi l-Imselliet

Kien hemm ukoll diversi *emails* fuq l-istat ta' Triq L-Imselliet. Fl-*emails* kien hemm suġġerimenti biex titranġa t-triq minn fejn Mallia Farm, liema triq tgħati għall-Wardija. Is-Sindku Mario Salerno qal li minħabba l-ħsara estensiva ta' din it-triq l-aħjar tiġi kwantifikata kemm ser tiġi tiswa biex jingħata l-konkos u jekk l-ammont mitlub mhux aktar minn 20 jarda, allura ngħamlu x-xogħol. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

Kien hemm ukoll korrispondenza mingħand kumpanija privata li toħrog gażżetti b'xejn li qed titlob biex jitpoġġew *dispensers* tal-gażżetti fil-lokalita ta' San Pawl u għaldaqstant qed titlob permess biex tkun tista tagħmel dan. Ma din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

L-Istrina

Saret talba oħra mill-organizzaturi tal-Istrina li din is-sena ser jorganizzaw attivita msejha Sports mill-qalb – nhar il-Hadd 4 ta' Novembru Il kunsillier Jason Camilleri qal li l-Kunsill għandu jġib permess mingħand l-Arriva u nmexxu jekk mhux problema. Għaldaqstant kien hemm il-qbil li għanda jintalab permess f'dan ir-rigward.

Access

*L-Access.* Il-Kunsill irċieva ittra fejn intalab li għall-żmien il-Milied ser jgħamlu *Christmas Village* u jixtiequ li l-Kunsill jgħin fl-ispejjeż ta' din l-attivita. Hemm il-ħsieb li jinkrew tined jew tinda kbira biex tiġi mwaqqfa fil-bitħa quddiem l-aċċess. Il-kunsilliera Anne Fenech u Graziella Galea qalu li mhux vijabli li tinxtara tinda għall-okkażjoni waħda. Il-kunsilliera Jane Chircop qalet li l-Agenzija Żgħażagħ għandhom it-tined tagħom u għandna wkoll it-tined li kienu inxtraw is-sena l-oħra u li kienet ġratilhom xi ħsara. Is-Sindku qal li xi wħud minn dawn it-tined jinsabu l-garaxx tal-gvern biex forsi jinbidel l-*aluminium* tagħom u nkunu nistgħu nuzawhom

Tined għall-Milied

Billi l-*manager* tal-Access, Martin Chetcuti ġabar kwotazzjonijiet li jlaħħqu ammont sostanzjali, ġie diskuss li għall-attivita ta' tlett ijiem mhux vijabbli li jintefqu mal-elf ewro f'kiri ta' tinda. Għaldaqstant kien hemm qbil biex l-ewwel naraw jekk it-tined jistgħux jittranġaw u fil-każ nixtru tnejn zgħar kif kellna. Il-Viċi Sindku Alex Bezzina qabel ma' din il-proposta u Dr R. Piscopo qal li jekk hemm bżonn nixtru erba' zgħar ħalli nsibuhom il-quddiem għall-attivitajiet oħra.

Għaldaqstant is-segretarju l-ġdid- Frans Chircop intalab jara li jew jittranġaw it-tined jew jinxtraw oħrajn zgħar bħal li kellna. L-attivita hemm il-ħsieb li tittella bejn l-14 u s-sittax ta' Diċembru 2012.

Xogħol mill-Gvern Centrali

Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li fit-triq tagħha sar *refreshing* tal-linji fit-triq tagħha biss u għaldaqstant ġiet tidher li l-kunsill wettaq dan ix-xogħol minħabba li talbitu hi. Hija kompliet tgħid li ċċekjat min għamel ix-xogħol u s-Sindku kkonferma li x-xogħol sar min Transport Malta u mhux mill-kunsill. Is-Sur Ray Tabone qal li din qed issir ta' sikwiet u diversi drabi ġara li Tranport Malta tibgħat ħaddiema fuq diversi xogħolijiet fit-toroq bla ma tinforma lill-Kunsill meta fl-istess ħin il-Kunsill biex iwettaq ix-xogħol li jkun meħtieg fit-toroq jew bankini jkollu kull darba jitlob il-permessi neċessarji.

Triq Busewdien

Triq Busewdin in-naħa tal-Bidnija.

Kien hemm il-qbil li ssir parti minn Triq Busewdin, fil-Wardija– fejn iżomm l-ilma. Din ġiet approvata unanimament.

Playing fields

*Playing Fields* – Is-Sindku Mario Salerno qal li l-*playing field* f' San Pawl mhumiex fi stat tajjeb u għandhom jiġu rrangati skont ir-regolamenti tas-*safety standards.* L-avukat Robert Piscop qal li jkun inutli li jitranġaw il-bandli f' Triq Parades għax din trid tiżżarma peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku kompla jgħid ukoll li mportanti li mhux nirranġaw il-bandli ta' żona waħda għax kważi kollha għandhom bżonn xogħol estenziv xi jsirilhom. Il-kunsillier Jason Camilleri qabel mal-avukat Robert Piscop li l-bandli ta' Triq Parades għandhom jiżżarmaw.

Gnien Olimpiku

*Ġnien Olimpiku* L-avukat Robert Piscopo qal li kien hemm skoperta ta' *gun post* u staqsa jekk Heritage Malta ġietx infurmata b'dan. Graziella Galea qalet li fejn is-Sirens hemm *gunpost* iehor. Is-sindku qal nitkellmu fuq dawn is-siti għax fl-inhawi ta' San Pawl hawn ħafna minnhom dawn. Huwa kompla jgħid li forsi l-quddiem isir xi arrangament mal-Meusec forsi ningħataw fondi speċjali biex dawn is-siti jiġu restawrati. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

*Ittra lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali.*

Ittra lid-Direttur

George Abdilla qal li kien kiteb lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali, Carmel Abela fejn qallu li l-Kunsillier Ray Tabone kien ġie l-uffiċċju fuq xogħol tal-Kunsill u xi ħadd irrapportaħ lid-Dipartiment tax-xogħol tiegħu. Hawnhekk Ray Tabone qal li xi ħadd mill-uffiċċju kien għamel ir-rapport u l-Kunsillier Peter Abela qal li dan qiegħed jassumi li xi ħadd mill-kunsill għamel ir-rapport. Hanhekk l-avukat Robert Piscopo talab spjegazzjoni tal-affarijiet kif ġraw.

George Abdilla spjega li kienet inkitbet ittra mill-impjegati tal-kunsill li ħassewhom intimidati mill-kunsillier għax kien irrimarka li kien xi ħadd mill-uffiċċju tal-kunsill li għamel ir-rapport lix-xogħol tiegħu li qiegħed il-Kunsill. Ray Tabone kompla jgħid li huwa bħala kunsillier għandu l-obligu li jaqdi dmiru bħala kunsillier u għaldaqstant jista' jiġi skużat min fuq il post tax-xogħol biex iwettaq dmiru bħala kunsilllier.

Il-Kunsillier Ray Tabone qal li huwa jzomm id-dritt li jista' jiehu passi legali fuq bazi personali minhabba riperkuzzjonijiet li jistghu jinqalghu.
Billi fl-ittra kien hemm talba biex issir investigazzjoni fuq l-allegazzjonijiet li saru mill-kunsillier Ray Tabone u l-kunsillier ċaħad dan kollu għax huwa sempliċiment qal li kien xi ħadd mill kunsill kien li rrapportah. Il-kunsilliet Peter Abela qallu li qed jinsinwa għax m' għandu prova ta' xejn u qam diżgwid fuq dan. Peter Abela qal li fl-ittra hemm firma ta' hames skrivani tal-kunsill u dawn talbu li ssir investigazzjoni. Billi saret mozzjoni biex issir din l-investigazzjoni u kien hemm ukoll kontra-mozzjoni biex din l-istess investigazzjoni ma' ssirx għax ma' hemm l-ebda provi jew konferma qamet diżgwid bejn il-kunsilliera preżenti u ġie deċiz li l-laqgħa tiġi sospiża għal-ħames minuti. Dan kien fis-7.30 u l-laqgħa kompliet fis-7.35. Il-laqgħa kompliet billi s-Sindku Mario Salerno qara ż-żewġ mozzjonijiet li kienu kontra xulxin u wara diskussjoni qasira sar qbil unanimu li mhux ser jintalbu li jsiru invetigazzjonijiet u l-każ għadda biex titkompla l-laqgħa.
Graziella Galea u Robert Piscopo ghaddew mozzjoni fuq dan il-kas. Is-Sindku M. Salerno u Ray Tabone ghaddew kontra-mozzjoni fejn sar qbil li ma' hemmx lok ghall-aktar investigazzjonijiet kif intalab fil-mozzjoni ta' Graziella u R. Piscopo.
<u>MOZZJONI –Annex 2</u>
<u>Kontra-mozzjoni -Annex 3</u>

Din il-mozzjoni tressqet ghall-votazzjoni. Saret votazzjoni fuq jekk ghandiex tieqaf milli ssir investigazzjoni bir-rizultat ta' sebgha favur u erbgha kontra.

*<u>Day Centre</u>*
Is-Sindku Mario Salerno talab biex ikun jaf kif sar il-kuntratt. Il-kunsillier Jason Camilleri qal li aħjar naraw kif u min ser jeħodha f'idejh. Kien hemm xi lmenti li l-ħinijiet ta' x'ħin iwassalhom lura fid-djar tagħhom dejjem ikunu differenti għaliex b'van wieħed irid imur u jerġa' lura għall-oħrajn li jkunu qed jistennew fil-kunsill. Kien hemm ukoll il-problema tat-television li kien ilu ma' jaħdem ix-xhur u s-Sindku Mario Salerno talab biex issa s-*segretarju* l-ġdid jieħu ħsieb li jara biex dawn in-nuqqasijiet jiġu rranġati. Għaldaqstant is-segretarju l-ġdid għandu jitkellem ma' Ms Marianne Vella li tieħu ħsieb l-anzjani biex jaraw xi bżonnijiet hemm. Is-Sindku qal ukoll li jixtieq li l-anzjani jkunu aktar involuti f'ħargiet u jsiru *talks* ħalli mhux biss ikollhom it-tombla. Huwa kompla jgħid li l-aħħar li ġew biex jgħamlu diskussjonijiet fuq suġġetti varji minn kelliema professjonali, saħansitra kien hemm anzjani li qalulhom biex jieqfu. Il-kunsilliera Graziella Galea qalet li hemm *tender* u jekk mhux qed jimxu maggħa naraw x'jista' jsir. Is-segretarju George Abdilla qal li s-servizz biex jinġarru nies fis-siġġu tar-roti mhux imniżżel fil-kuntratt.

8 *__Komunikazzjoni mis-Sindku__*

Is-Sindku Mario Salerno qal li hemm skema ta' inklużjoni ta' nies b'diżabilita mill-ETC. Taħt din l-iskema l-Kunsill talab għal-żewg min-nies. Tħat l-iskema l-oħra tal-ETC tlabna wkoll għall-nies biex jgħamlu xogħol ta' manutenzjoni skond kif ikun rikjest mill-Kunsill. Dawn iż-żewg skemi, l-ħaddiema jitħallsu direttament mill-ETC u għaldaqstant il-Kunsill jiffranka ħafna flus. Is-Segretarju l-ġdid gie mitlub jikkuntattja lill tal-ETC ħalli naraw x'hemm bżonn biex jibda l-proċess.

Is-Sindku Mario Salerno qal li jaqbel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Ray Tabone li l-Kunsill għandu jpoġġi bandla f'kull *playing field* li ser nirranġaw għal dawk it-tfal bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku Mario Salerno qal li ħa parir tal KNPD li wrew interess kbir u qalu li għandu jkun hemm dawn il-bandli speċjali f'kull *playing field*. Kien hemm approvazzjoni unanima fuq din.

Bandla tal-persuni b' dizabilita.

*Party* tal-Milied. Il-kunsilliera Jane Chircop qalet li l-*party* tal-Milied tal-anzjani din is-sena ser isir fiż- 17 ta' Dicembru 2012. Jane kompliet tgħid li s-Sinjura Vella li hija inkarigata mill-anzjani issuġġeriet li jitħallsu parti biss mill-ispejjes tal-*party*. Is-Sindku Salerno qal li din is-sena' jixtieq li l-*party* jkun miftuħ għall-anzjani kollha u mhux għall dawk biss li jattendu regolarment id-*Day Centre*. Għaldaqstant is-Sindku qal li għandu jkun il-Kunsill li jgħin fl-organizzazjoni ta' dan il-*party* u issir attivita wiesa' u kompluta għal kulħadd fis-sala ta' xi lukanda.

Party lill Anzjani fil-Milied

*Party* għat-tfal mill-Kunsill. Jane Chircop qalet ukoll li għandu jsir party għat-tfal organizzat mill-Kunsill fil-Milied. Is-Sindku qal li tkun sabiħa kieku jinstab post f'xi lukanda, Il-kunsilliera Anne Marie Fenech kompliet tgħid li fl-iskola ta' San Pawl il-Bahar isir *party* tal-Milied tajjeb ħafna. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Salerno issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiddiskuti l-attivitajiet tal-Milied fil-laqgħa li jmiss.

Party tal-Milied ghat-tfal.

*__Karozzi abbandunati__*. Il-kunsillier Jason Camilleri qal li fil-lokalita ta' San Pawl hawn hafna karozzi abbandunati u għaldaqstant il-kunsill għandu jerga' jibda l-proċess neċessarju biex dawn jitneħħew mit-toroq tagħna. Huwa kompla jgħid li kellu laqgħa mal-ispettur u qallu biex fil-process għandu jiġi dejjem ikkonsultat. Jason kompla jgħid li kien hemm madwar 160 vetturi abbandunati u li 7 minnhom huma muturi. L-avukat Robert Piscopo qal li l-kunsill għandu jimxi mar-regolamanti u mal-ligi f'dan ir-rigward. Mario Salerno qal li fil-laqgħa mall-ispettur ġie konkluż li il-Kunsill ser jimxi mall-liġi li 1) Jitpoġġa avviż mill-Puluzija għall-ġimgħa fuq il-*windscreen*, 2) wara titiħed f'post għal xhar u il-kuntrattur joħrog avviż fejn tinsab il-karozza., 3) wara li jgħaddi xhar il-kuntrattur jista' jidisponi minnha, 4) Għalhekk għandu jinħareg espresjoni ta' interess. Is-Sindku qabel miegħu u spjega li dak irid ikun l-avviż mpoġġi fuq il-karozzi u l-kuntrattur għandu jieħu ħsieb il-proċess kollu skont il-liġi. Il-kunsillier Jason Camilleri qal li l-kuntrattur għandu jitħallas mill-*scrap* tal-vetturi infushom u għaldaqstant ma' tinvolvi l-ebda spejjeż lill-Kunsill. Il-Kunsillier Peter Abela qal li fuq din għandna nimxu b' kawtela għax hemm ħafna interpretazzjonijiet differenti fuq il-liġi. Huwa kompla jgħid li hemm ħafna liġijiet konflinġenti, tant li saħansitra bħalissa anke l-pulizijia mhux qegħdin jiġbru karozzi abbandunati mit-toroq.

Karozzi abbandunati

***Works Managers.***

Works managers

Is-Sindku Salerno spjeġa li fil-bord tal-adjudikazzjoni, ġew il-kunsilliera John Bray Raymond Tabone Jane Chircop u is-Sindku, is-Segretarju George Abdilla ħ ail-minuti fejn adġudikazzjoni mil-*board* kienet indikazzjjoni għal-Kunsuill Lokali. Fil-fatt, wara li tpoġġew l-ismijiet indikattivi tal-magħżulin, is-sindku propona lil kunsilliera waqt il-laqgħa li billi l-għażla indikattiva tista' ma jkollix l-aspettativa tal-kunsilliera kollha, huwa ppropona xi bidliet u semma' lil 1.-Elka Sghendo 2. David Galea 3. Charles Micallef 4. Gorg Farrugia 5. Leonardo Vella 6. Reno Grech 7. Rodney Scerri . Dawn se jwasslu ghal SWAT u awditjar taz-zoni f'qafas ta' sieghat u l-ħlas relatata . Is-sindku ta rendikont tal-għażla u fil-qosor qal li l-*works manager* li ser ikunu maħtura mill-Kunsill Lokali San Pawl ghandhom jirraportaw u jinfurmaw lill-istess Kunsill fuq ħafna affarijiet fiż-żona rispettiva tagħom. Din l-informazzjoni mbagħad tintuża biex noħorġu statistika, gabra ta' informazzjoni halli tassisti lill Kunsilliera. Is-Sur Peter Abela qal li
9 jaqbel ma' dan pero għandu xorta waħda fuq affarijiet ta' natura teknika bħal xogħol ta' perit irridu nikkonsultaw mieġġu ħalli x-xoghol ikun verifikat min bniedem tekniku. Is-Sindku kompla jispjega kemm ser jitħallsu dawn il-*works managers,* skond il-kuntratt rispettiv tiegħu. Graziella Galea qalet li ghalkemm qed issir l-ispjegazzjoni, l-kunsilliera ma' daħlux fil-proċess tal-kuntratti.

Works managers mall-Kunsill

Il-kunsillier Peter Abela talab aktar spjegazzjoni u s-Sindku spjega kull wieħed minn dawn li ser jaħdmu bħala *works managers* f' liema qasam jispeċjalizzaw.Il-bord tal-għażla ta' dawn il-*works managers* kien kompost minn John Bray, Mario Salerno, Ray Tabone u s-Segretarju George Abdilla. Is-Sindku talab lill kunsilliera li huma jistgħu jmorru magġhom biex jaraw l-affarijet. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni u għaddiet billi kull minn kien preżenti vvutaw favur u s-sur Peter Abela, l-avukat Robert Piscopo, Anne Merie Fenech u Graziella Galea astjenew għax ħassew li għandhom jiġu nfurmati minn qabel.

Handyman mall-Kunsill.

Is-seduta kompliet bl-*item* ieħor fuq l-għażla tal- *handyman.* Is-Sindku M. Salerno kompla l-laqgha billi qal li kienet saret l-aġġudikazzjoni biex jintagħżel il-*Handyman* mall –Kunsill Lokali.Is-sindku informa li l-bord tal-adjudikazzjoni kien kompost minnu, Raymond Tabone u John Bray u l-għażla marret ghall applikant li offra l-ahjar valur għall flus mitluba. Din kienet tas-sur Sergio Borg . Hawnhekk ittieħħdet votazzjoni fejn il-kunsilliera Raymond Tabone, Alex Bezzina, Jane Chircop, Mandy Buahgiar, Carmel Hili, u s-Sindku M. Salerno ivvutaw favur l-għażla tal-kwotazzjoni ta' Sergio Borg waqt li l-kunsilliera Robert Piscopo, Graziella Galea u Anna Fenech u Peter Abela ivvutaw kontra. Il-votazzjoni għaddiet sitta favur u erba' kontra'

Sadanitant kien qarrab il-hin, intalab estenzjoni ta' 5 minuti fejn is-segretarju George Abdilla semma t-*tender* tal-konkrit. Ghal din it-*tender* intefgħu tlieta u ġiet magħżula l-irħas waħda minnhom – dik tar-Road Services Ltd. Fuq din l-għażla kien hemm qbil unanimu. It-*tender* kien mitfuh fuq firxa ta' snin.

Tender tal-konkrit

George Abdilla semma wkoll il-lista tal-Assi tal-Kunsill li huma obsoliti. Billi kien hemm ammont mhux ħażin ta' affarijiet fil-Kunsill li ġew skartati għax ma jaħdmux jew mkissra u jinsabu fil-*basement* tal-Kunsill, ġie deċiż li l-kunsill jiddisponi minnhom. Għaldaqstant is-Sindku talab lill kunsilliera biex minn jixtieq jiġi l-kunsill ħalli flimkien mas-segretarju jaraw x' hemm biex jintrema għax inutli nibqgħu nżommu l-affarijiet ma' jaħdmux filgaraxx. Għaldaqstant kien hemm Ray Tabone li flimkien ma' Peter Abela għandhom jaraw liema affarijiet ser niddisponu minnhom.

Rimi ta' affarijiet obsoliti.

M.Salerno qal li George kien beda jaħdem fuq art misjuba bhala tal-Go fejn tista' tintuża' ferm aħjar anke fuq b' mod temporanju għal użu taż-żgħażagħ biex jilħqu l-milja tagħhom bl-isports tal-iskating jew tar-rotti. Kien hemm qbil li titwarrab somma fuq dan il-proħett innovattiv.Robert Piscopo semma wkoll l-importanza ta' dan il-proħett. Huwa irrikmanda li jkun hemm żjieda ta' *dustbins* u hemm qbil li jitwaħħlu oħrajn ġodda fl-inħawi ta' l-Qawra. Dr Piscopo ilmenta fuq il-*light pollution* li l-grawnds kemm tal-iskola kif ukoll tal-futbol huma tant qawwija li jdejjqu lir-residenti. Kemm Jane Chircop kif ukoll Anne Marie Fenech għandhom ikellmu lil dawk li jmexxu kemm l-iskola tal- Wardija kif ukoll lil dak tal-futbol.

Skating park ghaz-zghazagh

Dawl qawwi tal-grawnd.

Fl-aggornament tiegħu, Peter Abela talab li jkun hemm kopja tal-istatements finanzjarji tat-tramuntana. Dan għandu jintalab lil President tal-Kumitat tar-Regjun.

Statement finanzjarju

Alex Bezzina issugerixxa li triq mingħajr isem biswiet Triq il-Pijonieri tissemma' għal Vella it-tirattur tal-isparattura li għamel unur lil Malta fl-Olimpjadi ta' Moska.

Isem tat-triq.

Anne Marie Fenech qalet li hemm *zebra crossing* fejn il-*Housing Estate* li għandha bżonn naraw xi jsir għax kien hemm mara li kienet ser tittajjar. Hija qalet li Anne qalet li forsi nistgħu nimpjegaw tal-ETC. Jane Chircop kompliet tgħid li forsi nistghu nqabbdu lill xi ħadd bħal *Lollipop people* biex jaraw li n-nies jaqsmu b'mod sigur u bla biha.

*Lollipop people*

Il-laqgha spiċċat fit-8.35.pm

Laqgħa oħra li jmiss tkun il-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2012.

Mario Salerno
Sindku San Pawl il-Bahar

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.

Annex 2

Mozzjoni mressqa llum l-Erbgha 10 t' Ottubru 2012 mill-Kunsillier
l-Perit Graziella Galea u ssekondata mill-Kunsillier l-Avukat Dott. Robert
Piscopo

**Haddiema Klerikali fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar**

Il-Kunsill Lokali hu fid-dmir li jikkundanna kull tip ta' theddid fuq l-Impjegati u jipprotegi lill-istess Impjegati li jaħdmu bla waqfien ghar-residenti u ghal-lokalita' ta' San Pawl il-Bahar.

Kliem dispregattiv lejn il-Haddiema tal-Kunsill, u allegazzjonijiet fuqhom, bla dubju, ghandhom jigu kkundannati, mhux biss bil-kliem, izda wkoll bil-fatti.

F'dan ir-rigward, ahna qed nitolbu, li f'kull kaz ta' akkuza jew allegazzjoni lejn il-Haddiema tal-Kunsill li sar fil-jiem li ghaddew, jew li jista' jsir fil-futur, il-Kunsill ghandu jiehu dawn il-passi :

- Jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex issir investigazzjoni;
- Tinghata l-protezzjoni necessarja mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar lejn l-Impjegati;
- Tinghata spjegazzjoni bil-miktub minghand min ghamel dawn l-akkuzi jew allegazzjonijiet; u
- Wara li jigu esegwiti dawn it-tlett punti hawn fuq, dawn l-incidenti jigu diskussa fl-ewwel Laqgha tal-Kunsill li jkun imiss.

Perit Graziella Galea
Kunsillier

Dr. Robert Piscopo
Kunsillier

Received today
10th Oct 2012
@ 5.07hrs from
Dr Robert Piscopo.
to be brought to LC Party
on 19th Oct 2012

George Abdilla
Acting Exec. Sec.

Annex 3

Mozzjoni mressqa fit-tlettax ta' Ottubru , 2012 mis-sindku Mario Salerno u ssekondata mill-kunsillier Raymond Tabone

Haddiema impjegati kemm b ' mod dirett u indirett mal- Kunsill lokali ta' San Pawl il-Bahar

Il-kunsill lokali ta' San Pawl il- Bahar ma jaccetta qatt l-ebda pressjoni psikologika jew xi forma ta' pressjoni fuq kullinkwa l-haddiema impjegati jew li jaghtu servizz lil kommunita fil-lokalita . Aghar minn hekk , il-kunsill lokali jiddeplora kull tip ta' theddid lil haddiema u jirraporta kull tip ta' aggressjoni lil pulizija.

Fid-dawl li jista' jsehh hekk , il-kunsill lokali ssegwi l-linji ta' gwida u l-kodici ta' etika mahruga mid-dipartiment tal- kunsilli lokali , u , barra li jiehu kull mizura biex jiddefendi d-drittijiet fundamentali tal- haddiema li jahdmu fis-serenita , is-segretarju ezekuttiv u s-sindku jinfurmaw lid-direttur generali tad-dipartiment tal- gvern lokali biex jinghata istruzzjonijiet mill- dipartiment ta' kif ghandu jaggixxi sabiex fl-interess ta' kulhadd jinghata l-harsien u s-sigurta lil haddiem/a.

Jekk ikun hemm theddid , il-kunsill lokali ghandu jitlob ghal garanzija ghand il-pulizija sabiex l-aggressur jinzamm il-boghod mill-haddiema .

Proponut :
Mario Salerno
Is-sindku

Sekondat :
Raymond Tabone
kunsillier

13 OCT 2012

55/7751/12/I

KUNSILL LOKALI
SAN ... BAHAR